MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru. 648/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Jason Gauci**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Gauci detentur tal-karta tal-identita` numru 481373(M).

Akkuzat talli nhar is-17 ta' Mejju 2011, ghall-habta tas-1 a.m. u/jew xi hin qabel, fi Triq il-Kanun, Santa Venera:
1. Flimkien ma' Juanito Jimenez u Dylan Cauchi, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq mill-hanut Ganni's Snack Bar, urew dan bil-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li ma

jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, ghad-detriment ta’ Carmelo Mamo u Carmelo Abela, u/jew ta’ persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet ohra; u

2. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` is-serratura tax-*shutter* ta’ barra tal-hanut Ganni’s Snack Bar, liema hsara ma tiskorrix it-tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.20) u li saret ghad-dannu ta’ Carmelo Mamo u Carmelo Abela, u/jew ta’ persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet ohra.
Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi tratta bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 41(1)(a), 261, 262(1)(b), 263(a), 264(1), 265, 267, 270, 279(a), 280(2) u 325(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, qeghda ssib lill-imputat Jason Gauci hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------